# Lill-Knisja Parrokkjali ta' Santa Katarina fiż-Żejtun

## *fl-Anniversarju ta' erba' mitt sena Matriċi*

## minn Michelina Bonnici

Mill-bogħod qisek reġina,
Matriċi ta' nofsinhar,
minnek ħarġu parroċċi oħra,
bħal Ħal-Għaxaq u Ħaż-Żabbar.

Int għażilt lil Katarina,
dik l-istilla tal-maltemp,
biex ta' fuq u t'isfel tgħaqqad,
u tbiegħed lilna minn kull għelt.

Minn kmieni ċ-ċenċil tal-qniepen,
iċċenċel dritt għal ġo qalbna,
u lejk dlonk iġegħlna nersqu,
biex il-Mulej fiss jisma' talbna.

Fil-koppla għandek kalamita,
il-wens tagħna fit-tkarwit,
ġewwa għandek l-Ostja Mqaddsa,
li twennisna fit-tiġrib.

Fuq barra għandek żewġt istatwi,
tal-isperanza u tal-fidi,
biex ikomplu iħeġġuna,
b'dik il-ħeġġa għal t'Alla l-liġi.

Fil-Milied tarma l-maxtura,
biex nitmaxtru fil-fidi tagħna,
f'Ħamis ix-Xirka s-Sepulkru,
biex fil-qawmien inpoġġu t-tama.

Palazz lussuż int tkun fil-festa,
maqdes ruman fil-Ġimgħa l-Kbira,
bi ħġarhom jiġu t-turisti,
fit-tempju tal-Lixandrina.

F'San Girgor int tkun li tħabbar,
il-wasla tal-purċissjoni,
għandek l-Isqof jitlob ħniena,
l-poplu jsib il-konsulazzjoni.

Kompli żommna bħal qaqoċċa,
lilna ż-Żwieten maqgħudin,
sabiex għandek dejjem niġu,
meta nkunu mtaqlin.